**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 6 ta' Ottubru, 2021**

Numru 11

**Rikors Guramentat Nru. 708/2018**

**Atlas Insurance PCC Limited**
**kif surrogata fid-drittjiet tal-assikurati taghha**
**Pierre Faure u Andreas Sorg u**
**l-istess Pierre Faure u Andreas Sorg**

**vs**

**Christopher Grech u Michael Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-5 ta' Lulju, 2018 li jghid hekk:

1. Illi fis-17 ta' Jannar 2017, jew f'xi granet ta' qabel, sehh incident fil-Manoel Island Marina, il-Gzira, meta d-dghajsa "Horatio", appartjenenti lill-intimat Christopher Grech, laqtet lid-dghajsa tal-ghamla Mochi Dolphin bl-isem "La Luna", appartjenenti lill-esponent Pierre Faure li, konsegwentement, laqtet lid-dghajsa tal-ghamla Bavaria 39 Cruiser bl-isem "Lightwave", appartjenenti lill-esponent Andreas Sorg.

2. Illi qabel ma sehh l-imsemmi incident, id-dghajjes tal-esponenti kienu rmiggjati mal-moll b'tali mod li l-hbula mill-poppa tad-dghajjes rispettivi kienu djagonalment jittraversaw lil xulxin, hekk kif jidher fil-figura numru 4 tad-'Damage Survey Report' tad-dghajsa "La Luna" kif ukoll tad-'Damage Survey Report' tad-dghajsa "Lightwave", it-tnejn redatti mill-Inginier Paul D. Cardona, annessi u mmarkati bhala "Dok. A" u "Dok. B", rispettivament.

3. Illi mal-ewwel spezzjoni tad-dghajsa tieghu wara l-incident surreferit, l-esponent Pierre Faure innota illi l-posizzjoni tal-hbula ta' "L Luna" ma kienux kif kien hallihom

hu, cioe bil-mod kif desritt hawn fuq, izda sab li minflok il-hbula kienu marbutin b'mod orizzontali hekk kif jidher fil-figura numru 5 ta' Dok. A u Dok. B.
4. Ili sussegwentement, l-intimat Michael Spiteri, li fiz-zmien tal-incident kien jokkupa l-kariga ta' skipper tad-dghajsa “Horatio", ammetta illi minn jeddu biddel il-posizzjoni tal-hbula kemm tad-dghajsa "Horatio", kif ukoll tad-dghajsa "La Luna", u dan skont l-istqarrija tieghu kontenuta fir-rapport tal-Pulizija hawn anness u mmarkat bhala "Dok. C".

5. Illi konsegwentement ghal dan l-incident, l-esponent Pierre Faure garrab danni fl-ammont komplessiv ta' disgha u ghoxrin elf, sitt mija erbgha u hamsin ewro tmienja u hamsin centezmu (€29,654.58), rapprezentanti l-hlas tat-tiswija tal-hsara li garrbet id-dghajsa "La Luna", illi ammontaw ghal sebgha u ghoxrin elf, sitt mija wiehed u hamsin ewro tlieta u ghoxrin centezmu (€27,651.23) (Ammont jinkludi l-VAT) skont il-fattura annessa u mmarkata bhala “Dok. D", kif ukoll il-hlas relatat mas-survey u r-rapport mahrug mill-Inginier Paul D. Cardona illi ammonta ghal elfejn u tlett ewro hamsa u tletin centezmu (€2,003.35) skont il-fattura annessa u mmarkata bhala “Dok. E".

6. Illi, bl-istess mod, bhala konsegwenza ta' dan l-incident, l-esponent Andreas Sorg garrab danni fl-ammont komplessiv ta' sebat elef wiehed u sebghin ewro sebgha u erbghin centezmu (€7,071.47), rapprezentanti l-hlas tat-tiswija tal-hsara li garrbet id-dghajsa "Lightwave", illi ammontaw ghal hamest elef hames mija tlieta u erbghin ewro sebgha u tletin centezmu (€5,543.37) skont il-fattura annessa u mmarkata bhala "Dok. F", kif ukoll il-hlas relatat mas-survey u r-rapport mahrug mill-Inginier Paul D. Cardona illi ammonta ghal elf hames mija tmienja u ghoxrin ewro u ghaxar centezmi (€1,528.10) skont il-fattura annessa u mmarkata bhala "Dok. G".

7. Illi s-socjeta esponenti Atlas Insurance PCC Limited, fil-kwalita taghha ta' assikuratrici kemm tad-dghajsa "La Luna" kif ukoll tad-dghajsa "Lightwave", a tenur ta' poloz ta' assikuzzjoni mahruga fir-rigward, hawn annessi u mmarkati rispettivament bhala "Dok. H" u “Dok. I", kif kienet obbligata taghmel, indennizat lill-esponent Pierre Faure fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf seba' mija wiehed u hamsin ewro tlieta u ghoxrin centezmu (€26,751.23) u lill-esponent Andreas Sorg fis-somma ta' erbat elef disa' mija tlieta u disghin ewro seba' u tletin centezmu (€4,993.37). Barra minn hekk, is-socjeta esponenti Atlas Insurance PCC Limited hallset ghall-ispejjez relatati mar-rapporti redatti mill-Inginier Paul D. Cardona hawn fuq imsemmija illi jammontaw ghas-somma komplessiva ta' tlett elef hames mija wiehed u tletin ewro hamsa u erbghin centezmu (€3,531.45) kif ukoll ghall-ispejjez sabiex totjeni kopja tar-rapport tal-pulizija ammontanti ghal sitt ewro disgha u disghin centezmu (€6.99). Ghaldaqstant, in vista tal-imsemmija pagamenti, is-socjeta Atlas Insurance PCC Limied giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha skont il-'Final Discharge and Subrogation Forms' rispettivi, hawn annessi u mmarkati bhala "Dok. J" u "Dok. K".

8. Illi, min-naha tieghu, l-esponent Pierre Faure garrab danni fl-ammont ta' disa' mitt ewro (€900) rapprezentanti l-hlas tal-excess a tenur tal-istess polza ta' assikurazzjoni (vide Dok. J).

9. Illi, bl-istess mod, l-esponent Andreas Sorg ukoll garrab danni fl-ammont ta' hames mija u hamsin ewro (€550) rapprezentanti l-hlas tal-excess a tenur tal-istess polza ta' assikurazzjoni (vide Dok. K).

10. Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kienu jahtu unikament l-intimati, jew min minnhom, minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti, bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni tal-esponenti u dan anke permezz ta' ittra ufficjali tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu 2018 (kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u markata bhala "Dok. L"), debitament notifikata lill-istess intimati, huma kkontestaw ir-responsabbilta taghhom ghal dan l-akkadut (hekk kif jirrizulta mir-risposta taghhom tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' April 2018 - "Dok. M").

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn ir-rikorrenti, hawn esponenti, qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet kollha premessi:

1. Tiddikjara lill-intimati Christopher Grech u Michael Spiteri, jew min minnhom, unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu r-rikorrenti.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' sitta u tletin elf seba' mija tlieta u tletin ewro u erba' centezmi (€36,733.04) in kwantu ghal hamsa u tletin elf mitejn tlieta u tmenin ewro u erba' centezmi (€35,283.04) a favur is-socjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited, in kwantu ghal disa' mitt ewro (€900) a favur ir-rikorrent Pierre Faure u in kwantu ghal hames mija u hamsin ewro (€550) a favur ir-rikorrent Andreas Sorg, occorendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimati Christopher Grech u Michael Spiteri, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti l-ammont komplessiv ta' sitta u tletin elf seba' mija tlieta u tletin ewro u erba' centezmi (€36,733.04) in kwantu ghal hamsa u tletin elf mitejn tlieta u tmenin ewro u erba' centezmi (€35,283.04) a favur is-socjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited, in kwantu ghal disa' mitt ewro (€900) a favur ir-rikorrent Pierre Faure u in kwantu ghal hames mija u hamsin ewro (€550) a favur ir-rikorrent Andreas Sorg, hekk likwidata.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu 2018, u bl-imghax legali b'effett millum sad-data tal-effetti pagament kontra l-istess intimati li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament is-socjeta assikuratrici rikorrenti ghandha tipprova l-hlasijiet li allegatament ghamlet lill-assikurati taghha kif ukoll is-surroga relattiva.

2. Illi preliminarjament ukoll l-istess socjeta assikuratrici rikorrenti ghandha tipprova li l-istess hlasijiet li allegatament ghamlet lill-assikurati taghha kienu ai termini u fil-limiti tal-poloz tal-assikurazzjoni relattivi.

3. Illi mighajr pregudizzju u subordinatament ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talbiet tar-rikorrenti kollha ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra I-istess rikorrenti, u dan ghaliex kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, I-esponenti ma humiex responsabbli bl-ebda mod ghad-danni illi allegatament sofrew I-istess rikorrenti.

4. Illi fir-rigward tat-talbiet attrici kif dedotti kontra I-intimat Michael Spiteri, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kemm ghaliex I-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu mir-rikorrenti mhumiex veritjeri, kif ukoll, apparti dan, ghaliex huwa dejjem agixxa u hadem bhala skipper fuq id-dghajsa tal-intimat I-iehor Christopher Grech.

5. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, I-ammonti rikjesti mir-rikorrenti huma ezagerati.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hija kawza ghad-danni mibdija mis-socjeta attrici Atlas Insurance plc Limited surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Pierre Faure u Andreas Sorg wara li indennizzathom fis-somma ta' €26,751.23 u €4,993.37 rispettivament, u kif ukoll minn Pierre Faure u Andreas Sorg personalment. Pierre Faure kien is-sid tad-dghajsa La Luna filwaqt illi Andreas Sorg huwa s-sid tad-dghajsa Lightwave, it-tnejn assigurati mas-socjeta attrici. Fis-17 ta' Jannar 2017 iz-zewg dghajjes kienu jinsabu fil-Manoel Island Marina. La Luna kienet irmiggjata hdejn id-dghajsa Horatio proprjeta tal-konvenut Christopher Grech, filwaqt li Lightwave kienet irmiggjata hdejn La Luna. Gara illi dakinhar ghamlet maltempata u ghal raguni li dwarha ma jaqblux il-partijiet id-dghajjes La Luna u Lightwave sofrew danni wara illi Horatio laqtet lil La Luna li konsegwentement laqtet lil Lightwave. Horatio ma sofriet l-ebda danni f'dan l-incident, filwaqt illi La Luna ma sofrietx danni fuq in-naha li habtet ma' Horatio izda biss fuq in-naha li laqtet ma' Lightwave. L-atturi jsostnu illi dawn il-hsarat sehhew ghaliex il-konvenut Michael Spiteri, li kien jiehu hsieb id-dghajsa ta' Christopher Grech, biddel il-hbula ta' Horatio u La Luna u b'hekk dawn iz-zewg dghajjes kienu rmiggjati bi hbula orizzontali minflok bi hbula li djagonalment jittraversaw lil xulxin. L-atturi jikkontendu illi dan wassal sabiex Horatio u La Luna setghu jiccaqalqu z-zejjed

u kien b'konsegwenza ta' dan li sehh l-incident in kwistjoni. Minn naha taghhom il-konvenuti jsostnu illi Horatio u La Luna kienu irmiggjati tajjeb u li l-incident sehh minhabba l-maltempata qawwija li grat dakinhar u l-fatt li ma kienx hemm *fenders* sufficjenti bejn La Luna u Lightwave, u jsostnu illi Faure u Sorg naqsu milli jmorru fuq il-post jew jibaghtu lil xi hadd meta hareg l-avviz tal-maltempata mill-Marina u b'hekk ma kinux f'posizzjoni li jevitaw id-danni li setghu talvolta jsofru minhabba l-maltempata msemmija.

**Prova tas-surroga u pagament**

Il-konvenuti eċċepew preliminarjament illi s-socjeta attrici ghandha ggib prova li hija giet issurrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha. Il-konvenuti eċċepew ukoll illi s-socjeta attrici ghandha tressaq prova tal-hlasijiet li ghamlet lill-assikurati taghha u illi dawn il-hlasijiet kienu ai termini u fil-limiti tal-polza relattiva.

Mill-provi jirrizulta illi fiz-zmien relevanti d-dghajsa La Luna proprjeta ta' Pierre Faure kienet assikurata mas-socjeta attrici taht polza ta' assikurazzjoni komprensiva, u dan skont ma jirrizulta mid-dokument immarkat Dok H a *fol.* 40. Mill-istess dokument jirrizulta illi l-istess polza kienet timponi limitu ta' €1,000,000 ghar-rigward ta' hlas relattiv ghal event dannuz wiehed. Fir-rigward tad-dghajsa Lightwave, proprjeta ta' Andreas Sorg, jirrizulta illi din id-dghajsa kienet ukoll assikurata fiz-zmien relevanti taht polza ta' assikurazzjoni komprensiva, u kien japplika l-istess limitu ta' hlas, u dan kif jirrizulta mid-dokument immarkat bhala Dok I a *fol.* 42.

Mid-dokument immarkat Dok J a *fol.* 44 jirrizulta imbaghad illi s-socjeta attrici ghamlet hlas ta' €26,751.23 lil Pierre Faure fit-13 ta' Gunju 2017 u Faure iddikjara hekk f'dan id-dokument; "*In view of this payment Atlas Insurance PCC Limited are subrogated to all my legal rights and remedies.*" Andreas Sorg ghamel dikjarazzjoni identika wara li gie imhallas mis-socjeta attrici s-somma ta' €4,993.47 fl-14 ta' Gunju 2018, u dan kif jirrizulta mid-dokument immarkat bhala Dok K a *fol.* 45.

Ghaldaqstant huwa evidenti illi s-socjeta attrici resqet provi sufficjenti tal-hlasijiet li ghamlet lill-assikurati taghha u li dawn il-hlasijiet saru ai termini u entro l-limiti tal-

polza ta' assikurazzjoni relattiva. Jirrizulta wkoll illi s-socjeta attrici giet issurrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha.

**Responsabbilita**

L-atturi jikkontendu illi d-danni li gew kagunati fid-dghajjes proprjeta ta' Faure u Sorg sehhew unikament tort tal-konvenuti, wara li Michael Spiteri biddel il-hbula tal-irmigg ta' Horatio u La Luna b'mod illi kellhom wisq *slack* u ghalhekk kien possibli ghalihom li jiccaqalqu u jahbtu ma xulxin, u li La Luna konsegwentement imbaghad tahbat ma' Lightwave li kienet irmiggata hdejha. Minn naha taghhom il-konvenuti jinnegaw dan kollu u jsostnu illi kwalunkwe danni sofferti minn Faure u Sorg ma sehhewx tort taghhom izda tort tal-fatt illi Faure u Sorg ma marrux il-marina sabiex jassiguraw ruhhom illi d-dghajjes taghhom kienu irmiggjati sew u kellhom dak kollu necessarju sabiex jevitaw li ssirlhom hsara fil-maltemp, u konsegwenza ta' dan dawn id-dghajjes ma kellhomx *fenders* sufficjenti bejniethom ghall-maltempata li ghamlet.

Parti sostanzjali tal-kontenzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-allegazzjoni illi Michael Spiteri biddel il-hbula tal-irmigg tad-dghajjes Horatio u La Luna b'mod illi dawn id-dghajjes setghu jiccaqalqu aktar minn normal fil-maltemp. Jirrizulta illi Michael Spiteri stess kien qal lil pulizija illi "…*the ropes were diagonal and crossing each other*. *Due to the fact that the ropes were touching each other, the ropes used for the boat he takes care broke off and had to change them and when he put the new ones, he put them in a horizontal way. He arranged the ropes of the boat "La Luna" as well in a horizontal way."*

Fl-affidavit tieghu Michael Spiteri jsostni illi Pierre Faure kellu vizzju li jressaq il-*cleats* ta' mal-*pontoon* biex id-dghajsa tieghu tkun iktar komda u minhabba dan kien jikkawza hsara fil-hbula tad-dghajsa Horatio, proprjeta tal-konvenut l-iehor Christopher Grech. Skont Spiteri, lejn l-ahhar ta' Novembru 2016 huwa kien intebah illi l-habel tan-naha ta' wara tax-xellug tad-dghajsa Horatio kien ittiekel b'konsegwenza tal-fatt illi Faure kien ressaq il-*cleats* b'tali mod illi fejn il-hbula kienu dritti spiccaw gew *crossed.* Ghalhekk Spiteri biddel il-hbula tan-naha ta' wara ta' Horatio u rega ghamel il-*cleats* kif kienu biex b'hekk il-hbula tal-irmigg tan-naha ta' wara regghu gew dritti mad-dghajjes, u dan biex tigi evitata aktar hsara fid-dghajjes

(u cioe l-hbula). Skont Spiteri l-hbula baqghu hekk minn dakinhar sad-data tal-maltempata meta sehh l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Inoltre, in kontro-ezami Spiteri xehed *ex admissis* illi filwaqt li l-hbula ta' La Luna kienu *crossed* huwa kien biddilhom biex jigu "dritti ma jmissu ma xejn" (*fol*. 462*).*

Ghalhekk il-Qorti tqis sufficjentement pruvat illi l-konvenut Spiteri kien biddel il-hbula ta' rmigg kemm tad-dghajsa Horatio, proprjeta tal-konvenut Christopher Grech, u kif ukoll tad-dghajsa La Luna, li dak iz-zmien kienet proprjeta ta' Pierre Faure. Inoltre, jirrizulta sufficjentement pruvat illi Spiteri ma talabx permess minghand Faure biex ibiddel il-hbula tal-irmigg ta' La Luna, u li lanqas kien informah li ghamel hekk wara l-fatt. Filfatt, ghalkemm Spiteri inizjalment kien qal li kien informa lil Pierre Faure dwar it-tibdil fil-hbula tal-irmigg, in kontro-ezami mbaghad ammetta illi huwa ma kienx informa lil Faure b'dan (*fol*. 462*)* u li lanqas biss kien jaf fejn seta' jaghmel kuntatt mieghu jew qal lil Christopher Grech li kellu bzonn ikellmu (*fol.* 463)*.*

L-ewwel punt legali li ghandu jigi ezaminat jirrigwarda r-responsabbilta ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi. B'mod partikolari, il-konvenuti eċċepew illi Michael Spiteri m'huwiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi. Mill-provi jirrizulta illi Michael Spiteri huwa impjegat tas-socjeta Dhalia Real Estate u kien tip ta' *personal assistant* ghal Grech, li xoghlu fil-kumpanija Dhalia Real Estate kien proprju li jiehu hsieb dak kollu li kellu x'jaqsam ma' Grech. Evidentement dan kien jinkludi mhux biss kwistjonijiet li kellhom x'jaqsmu max-xoghol tal-kumpanija li taghha kien impjegat izda wkoll ma' kwistjonijiet personali ta' Grech, bhal per ezempju li johodlu hsieb id-dghajsa tieghu.

Wara li rat l-artikolu 1030 u 1032 tal-Kodici Civili il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni tal-konvenuti m'ghandhiex mis-sewwa. Ghalkemm huwa minnu illi parti mix-xoghol ta' Spiteri kienu proprju li jiehu hsieb id-dghajsa ta' Grech, huwa ma kellu l-ebda permess li jmiss jew jaghmel xi tibdiliet fil-hbula ta' haddiehor minghajr il-permess taghhom, u aghar minn hekk minghajr ma qatt jghidilhom dwar dan. Il-Qorti tqis illi Spiteri mar oltre dak li ghalih kien inkarigat u dak li tippermetti l-ligi meta biddel il-hbula tal-irmigg tad-dghajsa ta' Pierre Faure minghajr ma talab permess jew imqar innotifika lil xi hadd, u ma uzax il-prudenza, diligenza u hsieb ta' *bonus pater familias*

meta ma hax il-passi necessarji fir-rigward tal-irmigg sabiex jitnaqqas ic-caqliq tad-dghajjes fil-maltemp u dan minkejja li kienu ghaddew xahrejn shah bejn id-data ta' meta allegatament kellu jbiddel il-hbula u d-data tal-maltempata. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi Spiteri huwa wkoll personalment responsabbli ghal hsarat sofferti mill-atturi, u din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Fir-rigward tal-konvenut Christopher Grech, u cioe sid id-dghajsa Horatio, il-Qorti tibda billi tosserva illi ghalkemm huwa jirreferi ghal Spiteri bhala *"skipper"* ma giet prodotta l-ebda prova illi Spiteri kellu xi kwalifiki jew tahrig f'dan is-sens. Jirrizulta wkoll illi Grech ma kien jezercita l-ebda kontroll jew supervizjoni fir-rigward ta' dak li kien jaghmel Spiteri, tant illi fix-xiehda tieghu lanqas kien daqstant cert dwar il-kwistjoni ta' bidla fil-hbula li ghamel Spiteri. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti Grech huwa wkoll responsabbli ghall-akkadut in forza tal-principji ta' *culpa in vigilando,* galadarba jirrizulta minghajr dubbju illi Grech ma kien iwettaq l-ebda supervizjoni ta' dak maghmul minn Spiteri. Filfatt, ghalkemm meta sehh l-incident in kwistjoni kienu diga ghaddew circa xahrejn minn meta Spiteri biddel il-hbula tal-irmigg tad-dghajsa ta' Faure, Grech kien ghadu lanqas biss jaf xejn dwar dan. Nuqqas ta' supervizjoni ta' dan l-estent juri li Grech bl-ebda mod ma kien qed jezercita l-prudenza u diligenza ta' bonus pater familias fis-supervizjoni tal-addett tieghu.

Il-Qorti tqis illi rrizultaw nuqqasijiet pjuttost serju minn naha tal-konvenuti, ikkonsidrat illi mhux talli Spiteri biddel l-hbula tal-irmigg tad-dghajsa La Luna minghajr il-kunsens tas-sid taghha, u cioe Pierre Faure, izda wkoll talli baqa' ghal zmien twil ma qallux li ghamel hekk, waqt li Grech, sid id-dghajsa, ma kellu l-ebda idea ta' dak li kien qieghed jigri ghaliex ma kienx jezercita s-supervizjoni mehtiega. Fir-rigward tax-xhieda ta' Spiteri illi huwa biddel il-hbula minhabba li kienu qed ihokku ma xulxin u jittieklu, il-Qorti tirrileva illi ma giet prodotta l-ebda prova cara li kien qed isir dan. Galadarba l-konvenuti ghamlu allegazzjoni ta' fatt, kien jispetta ghalihom li jressqu prova sufficjenti, u dan naqsu milli jaghmluh. Il-Qorti tqis illi ma hemmx prova ta' dan ikkonsidrat illi Spiteri qatt ma nforma lil Grech illi Faure kien qed jaghmel hsara fil-hbula tal-irmigg tad-dghajsa tieghu u qatt ma talbu biex jaghtih il-kuntatt ta' Faure jew sabiex hu innifsu jkellem lil Faure dwar dan. Dan specjalment tenut kont tal-fatt illi Spiteri jsostni illi din ma kinitx xi haga li grat darba, izda xi haga li Faure proprju

kellu habta jaghmel, u l-Qorti tqis inverosimili illi Spiteri qatt ma ha hsieb li b'xi mod jigbed l-attenzjoni tieghu dwar dan, u aktar u aktar meta wiehed iqis illi l-konvenuti xehdu li dawn il-hbula jiswew hafna flus

Ikkonstat illi l-konvenut Spiteri filfatt biddel il-hbula ta' rmigg kemm ta' Horatio u kif ukoll ta' La Luna, imiss issa illi jigi ezaminat jekk hemmx ness bejn dan it-tibdil u d-danni sofferti mill-atturi kif premess minnhom.

Is-socjeta attrici prezentat rapport tal-Inginier Paul Cardona li kien ghamel access fuq is-sit fl-10 ta' Marzu 2017, f'liema rapport ikkonkluda illi l-hsarat sofferti mid-dghajjes imsemmija huma konsistenti mal-allegazzjoni illi Michael Spiteri biddel il-hbula tal-irmigg u hallihom "*excessively slack"*.

Minn naha taghhom l-konvenuti prezentaw rapport tal-Inginier Elio Desira, skont liema il-fatt li Spiteri biddel il-hbula ta' rmigg ta' Horatio kien "*right and just"* ghaliex dan sar sabiex jigi evitat illi l-hbula ta' La Luna jaghmlu hsara fil-hbula ta' Horatio (ara sezzjoni 15, *surveyor's report*, *fol*. 234). Skont l-istess rapport, il-mod kif Spiteri rabat id-dghajjes imsemmija m'huwiex ikkonsidrat bhala irmigg hazin, ghalkemm izid illi "*…if the mooring lines on the stern were positioned more widely (or stretched out) they would have been regarded as being more effective in stormy conditions…"* Skont dan ir-rapport il-mod kif Spiteri caqlaq il-hbula ta' rmigg tad-dghajsa La Luna ma setax affetwa hafna ic-caqliq ta' La Luna ghal fuq Lightwave, u jzid illi tqum mistoqsija jekk kienx hemm bizzejjed *fenders* bejn La Luna u Lightwave ghall-maltempata li kienet ghamlet.

Il-Qorti tosserva illi l-Ingineer Cardona u kif ukoll l-Inginier Desira ma kinux fuq il-post dakinhar li sehh l-incident, u kienu marru jaghmlu l-ispezzjoni taghhom circa xahrejn wara l-incident. Ghalhekk l-osservazzjonijiet taghhom dwar id-dinamika tal-incident huma bbazati primarjament fuq dak li qalulhom il-partijiet. L-unika persuna li mar fuq il-post dakinhar kien proprju Michael Spiteri, peress illi jirrizulta minn xiehda *ex admissis* ta' Faure u Sorg illi dakinhar tal-incident huma la kien marru fuq il-post u lanqas baghtu lil xi hadd a nom taghhom, la qabel u lanqas waqt jew immedjatament wara l-maltempata. Ikkonsidrat pero l-provi kollha mressqa quddiem il-Qorti mill-

partijiet, u kkonsidrat ukoll l-opinjoni esperta tal-inginiera inkarigati mill-partijiet u x-xiehda tal-manager tal-marina Pierre Aquilina, il-Qorti tqis illi jirrizulta sufficjentement pruvat illi l-mod kif Michael Spiteri irmigga d-dghajjes Horatio u La Luna ma kienx idoneju ghal cirkostanzi ta' temp ikrah u maltemp ghaliex wassal sabiex dawn id-dghajjes setghu jiccaqalqu aktar minn normal.

Filfatt, anke kieku kellu jigi accettat illi l-posizzjoni tal-hbula tal-irmigg kif mibdula minn Michael Spiteri m'hijiex ikkonsidrata bhala wahda hazina b'mod generali, mir-rapport tal-Inginier Desira inkarigat mill-konvenuti stess jirrizulta illi Spiteri ma irmiggax id-dghajjes adegwatament sabiex jevita li tigri hsara f'maltempata u dan ikkonsidrat illi f'dan ir-rapport jinghad espressament illi "…*if the mooring lines on the stern were positioned more widely (or stretched out) they would have been regarded as being more effective in stormy conditions – this is however subject to the availability of the pontoon cleats*." Ghalhekk Spiteri jew kellu jaghmel il-hbula b'dan il-mod, jew, jekk ma kienx hemm *pontoon cleats* idoneji sabiex jaghmel dan, kellu jara li jirmigga d-dghajsa b'mod li jnaqqas kemm jista jkun ic-caqliq taghha, partikolarment waqt maltempata. Mix-xiehda tal-Inginier Cardona u Pierre Aquilina jirrizulta illi f'dak il-kaz, l-ahjar mod kif id-dghajsa tigi rmiggjata kien billi l-hbula jkunu *diagonal* u *crossed over* u mhux kif ghamilhom Spiteri. Anke l-Inginier Desira ammetta in kontro-ezami illi peress li l-hbula tad-dghajsa Horatio kienu dritti id-dghajsa kienet ser ticcaqlaq iktar (*fol.* 365), u li l-hbula "ma kienux issetjati kif suppost" (*fol.* 366). Inoltre, anke kieku kellu jigi accettat illi Spiteri biddel il-hbula ghaliex kienu qed imissu ma xulxin u jittieklu, il-Qorti tqis illi dan ma jassolvix lill-konvenuti mir-responsabbilita ghal dan l-incident ikkonsidrat illi fix-xhur li lahqu ghaddew qabel l-incident qatt ma hassew il-htiega li jinformaw lil Pierre Faure b'din il-kwistjoni sabiex tinstab soluzzjoni adegwata. Il-Qorti m'ghandix dubbju illi Faure qatt ma gie informat b'din l-allegata problema ikkonsidrat illi Spiteri jsostni illi ma kellux kuntatt ta' Faure u ghalhekk zgur li ma kellmux dwar dan, u mix-xhieda in kontro ezami ta' Grech jidher illi huwa kellu ideja verament vaga ta' din il-kwistjoni u ghalhekk zgur li lanqas hu ma' kellem lil Faure dwar din l-allegata problema.

Il-Qorti ukoll ma tqisx verosimili l-argument tal-konvenuti illi d-danni sofferti minn Faure u Sorg kienu tort ta' maltempata kbira barra minn norma dakinhar. Skont

Spiteri dakinhar ghamlet maltempata ta' estent tant illi inqata' *Pontoon A.* Pero din ix-xiehda giet assolutament kontradetta minn Pierre Aquilina li kkonferma li fil-marina qatt ma nqata xi *pontoon.* Ghalhekk ma hemm l-ebda prova illi l-maltempata li ghamlet dakinhar tal-incident kienet xi haga barra minn norma li kkagunat hsara mhux prevedibbli. Inoltre, u fi kwalunkwe kaz, il-Qorti taqbel ma' dak argumentat mill-atturi fin-nota ta' socjeta taghhom illi l-konkluzjoni tal-Inginier Desira fis-sens illi d-danni mertu ta' dawn il-proceduri setghu jigu evitati li kieku l-partijiet hadu prekwazzjonijiet ragonevoli tinnewtralizza ghal kollox id-difiza tal-konvenuti ibbazata fuq forza magguri.

Detto dan, il-Qorti tqis illi t-tort tal-hsara sofferta minn Faure u Sorg m'hijiex unikament attribwibbli lill-konvenuti. Mill-provi jirrizulta illi kemm Faure u kemm Sorg ma marrux il-marina meta rcevew komunikazzjoni li kienet imhabbra maltempata sabiex jaraw li kien hemm kollox kif suppost fir-rigward tad-dghajsa taghhom biex kemm jista' jkun tigi evitata hsara fil-maltemp. Filfatt jirrizulta li t-tnejn li huma kienu barra minn Malta dakinhar. Jirrizulta wkoll illi hadd minnhom ma halla lil xi hadd addett sabiex jiehu hsieb id-dghajsa taghhom waqt li ma kinux f'Malta fl-eventwalita li jkun hemm maltempata, specjalment tenut kont li kien Jannar, u lanqas ma baghtu lil xi hadd il-marina minflokhom meta gew informati li kienet imhabbra maltempata. Ghalhekk Faure u Sorg m'accertawx ruhhom li d-dghajjes taghhom kellhom dak kollu ragonevolment rikjest sabiex tigi evitata kemm jista' jkun hsara fil-maltempata. Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jissarraf f'negligenza kontributorja da parti tal-assikurati tas-socjeta attrici, ikkonsidrat li kienet ir-responsabbilita taghhom li jiehdu hsieb li jkun hemm kollox in ordni sabiex tigi evitata hsara meta jkun il-maltemp, u huwa proprju ghalhekk illi l-marina tibghat tinforma lis-sidien tad-dghajjes meta tkun imhabbra maltempata. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' Lord Denning fis-sentenza **Harold John Froom et vs Brian James Butcher** (App 24/06/1974) fis-sens illi:

> "*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably*

> *to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man he might be hurt himself…*"[1]

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti huwa car illi Faure u Sorg kienu negligenti fit-tutela tal-proprjeta taghhom, u jahtu ghall-akkadut fi kwota ugwali daqs il-konvenut Grech. Dan partikolarment ikkonsidrat illi ghalkemm huwa minnu illi Spiteri ma kellux jaqbad u jbiddel il-hbula tal-irmigg ta' Faure, kieku Faure baghat lil xi hadd fuq il-post sabiex jaccerta ruhhu li d-dghajsa kienet fi stat tajjeb ghal maltempata dan kien jara li l-hbula tal-irmigg ma kinux kif suppost u kien ikollu c-cans li jaghmilhom kif ghandhom ikunu b'mod illi possibilment kien jigi evitat dan il-litigju ghal kollox.

**Danni**

Il-konvenuti qed jikkontestaw id-danni reklamati mill-atturi li jsostnu li huma eccessivi.

L-atturi ressqu prova dwar l-ammonti imhallsa minnhom ghax-xogholijiet ta' riparazzjoni li kellhom isiru fuq id-dghajjes ta' Faure u Sorg. Jirrizulta illi parti mix-xoghol ta' tibjid tad-dghajsa ta' Faure ma kienx necessarjament mehtieg, izda mill-provi jirrizulta wkoll illi l-ammont relattiv ghat-tibjid ta' dik il-parti tad-dghajsa li ma kienx strettament mehtieg mhux qieghed jigi pretiz f'dawn il-proceduri ghaliex ghamel tajjeb ghalih personalment Faure u ma jifformax parti mit-talba attrici. Il-Qorti tosserva wkoll illi din l-eccezzjoni tal-konvenuta hija mxejna mir-rapport tal-Inginier Desira, mahtur minnhom stess, li stima li x-xogholijiet ta' riparazzjoni tad-dghajsa ta' La Luna kienu ser ikunu ta' circa €23,303, li huwa ferm vicin l-ammont reklamat mill-atturi fir-rigward ta' din id-dghajsa. Il-Qorti tosserva wkoll illi s-socjeta attrici innifisha analizzat ix-xoghlijiet li saru fuq din id-dghajsa u naqset mill-ammont reklamat minn Pierre Faure somom relattivi ghal xogholijiet li fil-fehma taghha kien jammontaw ghal miljorament tad-dghajsa u mhux tiswija (ara l-korrispondenza skambjata a *fol.* 370 – 433). Ghalhekk il-Qorti tqis illi ma jirrizultax li l-ammont mitlub fir-rigward tad-dghajsa La Luna huwa esagerat.

---

[1] Insenjament citat b'approvazzjoni u segwit fil-gurisprudenza lokali; ara per ezempju: **Caroline Debono vs Is-Sindku u s-Segretarju tal-Kunsill Lokali Nadur, Ghawdex noe** (App 02/07/2010).

Fir-rigward tal-ammont pretiz relattiv ghat-tiswijiet fuq id-dghajsa Lightwave, proprjeta ta' Andreas Sorg, ma jirrizultax lanqas li qed jigu pretizi xi ammonti li ma kienux necessarji ghal hsara subita f'din id-dghajsa.

Il-Qorti tqis ukoll illi hija ragonevoli l-pretiza tal-atturi illi l-ispejjez konnessi mar-rapport tal-Inginier Paul Cardona jifformaw parti mid-danni li huma intitolati ghalihom.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi huwa car li din l-eccezzjoni tal-konvenuti hija infondata.

Fir-rigward tal-argument tal-atturi maghmula fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom illi l-imghax ghandhom jiddekorru mill-4 ta' Lulju 2018, il-Qorti tibda billi tirrileva illi r-rikors guramentat li ta bidu ghal dawn il-proceduri gie intavolata fil-5 ta' Lulju 2018 u mhux fl-4 ta' Lulju. Fi kwalunkwe kaz, huwa principju assodat fil-gurisprudenza illi meta tintalab somma determinata, l-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviz u mhux mid-data ta' meta l-istess ikun gie prezentat.[2] Peress illi jirrizulta illi z-zewg konvenuti gew notifikati fil-25 ta' Lulju 2018 (*fol.* 51), l-imghax ghandu jibda jiddekorri minn dik id-data.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' in parte t-talbiet tal-atturi, tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli solidament fi kwota ta' hamsin fil-mija (50%) ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri u ghal nofs id-danni kollha li garbu bhala konsegwenza l-assikurati tas-socjeta attrici; tillikwida d-danni sofferti mill-assikurati tas-socjeta attrici li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti fl-ammont ta' tmintax -il elf, tlett mija u sitta u sittin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€18,366.52), in kwantu ghal sbatax -il elf, sitta mija u wiehed u erbghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€17,641.52) favur is-socjeta attrici, in kwantu ghal erba' mija u hamsin ewro (€450) favur Pierre Faure u in kwantu ghal mitejn u hamsa u sebghin (€275) favur Andreas Sorg u tordna lil konvenuti *in solidum* ihallsu is-somma hekk likwidata ta' tmintax -il elf, tlett mija u sitta u sittin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€18,366.52), in kwantu ghal sbatax -il elf, sitta mija u wiehed u erbghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€17,641.52) favur is-socjeta

[2] Ara per ezempju: **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone** (App 17/02/2003).

attrici, in kwantu ghal erba' mija u hamsin ewro (€450) favur Pierre Faure u in kwantu ghal mitejn u hamsa u sebghin (€275) favur Andreas Sorg, bl-imghax dekoribbli mill-25 ta' Lulju 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur